**Grievance Board**
**One stop shop**
**Public Officers No 3**
**Castille Palace**
**Valletta**

**Data:**

**Talba skont iċ-ċirkolari UPM 4/2014 u 20/2014**

**Inġustizzja mal- Pulizija fejn qed jaħdmu 46 siegħa u jitħallsu biss ta' 40 siegħa xogħol.**

Jiena ____________________________detentur tal- karta tal-identita b' numru ____________(M) ilni membru fil- Korp tal-Pulizija sa mis-sena -__________________. Umilment qed niddikjara illi soffrejt inġustizzja peress illi kont qed niġi mġiegħel naħdem 46 siegħa xogħol fil-ġimgħa u qiegħed nitħallas biss ta'40 siegħa xogħol. Għaldaqstant qed nissottometti:

A) Illi l- ftehim kollettiv għall- ħaddiema taċ-ċivil kemm tas-sena 1993, tas-sena 2011 kif ukoll dak tas-sena 2017 jiddikjara bl-aktar mod ċar illi l-ġimgħa ta' xogħol ta' kull ħaddiem fiċ-ċivil għandha tkun dik ta' 40 siegha.
B) Illi ma hemm l-ebda eżenzjoni fejn jidħlu l-membri tal- Korp tal-Pulizija ta'Malta u għaldaqstant pulizija huwa kkunsidrat bħal kull ħaddiem ieħor jiġifieri illi għandu jaħdem 40 siegha xogħol fil-ġimgħa.
C) Illi kull ftehim kollettiv għall- ħaddiema taċ-ċivil imsemmija hawn fuq jiddikjara illi persuna li taħdem aktar minn 40 siegħa xogħol għandha titħallas tas-siegħat zejda li tagħmel.
D) Illi kull ftehim kollettiv tal- Gvern imsemmi hawn fuq jagħmilha ċara illi jekk hemm l-eżistenza ta' ftehim settorjali ikun dak illi jipprevali. Skond il- Ftehim kollettiv taċ-Ċivil ***Sectorial Agreement "shall refer to an agreement or memorandum of understanding (MOU) between the Administration and the respective Union/s for a particular class or sector of employees"***
E) Illi l-Kumissarju tal-Korp tal-Pulizija ta' Malta flimkien mar-rapprezentanti tal-Gvern kif ukoll dak iż-żmien l-Assoċjazzjoni tal-Pulizija ta' Malta li ilha eżistenti sa mis-sena 1955 (rappreżentanta tal- ħaddiema) qatt ma kienu nvoluti fl-ebda ftehim settorjali fejn ġew diskussi l- kundizzjonijiet tal-ħaddiema.
F) Illi qabel l-emendi illi kienu saru riċentement skond il-Kap 164 tal-liġijiet ta' Malta kien jirrikjedi illi fost oħrajn kundizzjonijiet tax-xogħol tal-pulizija jiġu diskussi fil-Bord tan-Negozjar għall- Pulizija. *Nonostante* dan l-artikolu tal-ligi fl-2012 kif ukoll preċedentament dan id-dokument qatt ma ġie diskuss f'dan il- bord.
G) Illi fi ħdan il- Pulizija inħarġu żewġ ċirkularijiet fosthom is-63/93 kif ukoll il-50/12 (*New salary structure and conditions for the Police Force)* fejn fihom jistipulaw illi Pulizija għandu jaħdem 46 siegħa fil-ġimgha iżda m' hemm xejn stipulat illi għandu jitħallas ta'40 siegħa xogħol. Dak li m' hemmx miktub għandu japplika l-ftehim kollettiv taċ-ċivil skont l-istess ċirkularijiet.
H) Illi dawn il- kundizzjonijiet ma ġewx diskussi mal-Assocjazzjoni tal- Pulizija ta' Malta iżda proċeduralment marru kontra kull proċedura eżistenti fejn id-deċizjoni illi Pulizija jaħdmu 46 siegħa ittieħdet arbitrarjament mis-Segretarju Permanenti tal-Finanzi kif ukoll mis-Segretarju Permanenti tal-Intern u ġew iffirmati mill-imsemmija persuni.

I) Dawn ma jitqiesux illi huma xi forma ta' ftehim settorjali għax il-parti li tirrapreżenta lil ħaddiema dejjem kienet assenti kif ukoll qatt ma ngħatat l-opportunita illi tkun parteċipi f'dawn id-deċizjonijiet.

J) Illi bħala membru tal- korp tal-Pulizija ta' Malta qed inbgħati inġustizzja għaliex qed nitlef 15 fil- mija tas-salarju tiegħi.

K) Illi meta kkumparat ma ħaddiehor illi jaħdem fiċ-ċivil bl-istess skala qed niġi mħallas ta' żewġ skali anqas peress illi qed nirċievi l-istess paga iżda qed naħdem sitt siegħat izjed.

L) Illi meta naħdem l- Ħdud u festi kif ukoll sahra il- pro-rata tiegħi qed tiġi kkalkulata fuq 46 siegħa u mhux fuq dik ta' 40 jiġifieri qed nitħallas ta' żewġ skali anqas minn dak dovut.

M) Tajjeb illi wieħed jirrimarka illi l-kumpens li qed jagħti l- Gvern dwar dak illi huwa dovut lill-Pulizija jirrifletti s-sieghat żejda li nħadmu u cioe aktar minn 46 siegħa u m'għandu x'jaqsam xejn ma din it-talba.

**<u>Talba</u>**

1. F'dawn iċ-ċirkostanzi t-talba tiegħi hija waħda ċara illi s-sottoskritt umilment qiegħed ġentilment jitlob illi jitħallas tas-siegħat illi kien imgieghel jaħdem sitt siegħat izjed fil-gimgħa bla ħlas. Is-sottoskritt gie mċaħħad minn 15% tal- paga tiegħu kif ukoll ma tħallasx b'mod xieraq skond l-iskala rispettiva tiegħu. F'din it-talba mhux qed jintalbu żiediet fil-paga, iżda qed jintalab dak illi huwa dovut skond il- liġi.

________________________

Firma